

Brussell, 4 ta' Ġunju 2019
(OR. en)

9313/19

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0105(COD)

CODEC 1080
ENFOPOL 245
JAI 521
EF 194

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li tistabbilixxi regoli li jiffaċilitaw l-użu ta' informazzjoni finanzjarja u informazzjoni oħra għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' ċerti reati kriminali u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/642/ĠAI (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv

1. Fis-17 ta' April 2018, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq¹, ibbażata fuq l-Artikolu 87(2) TFUE²³.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-12 ta' Lulju 2018⁴.
3. Fis-17 ta' April 2019, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess milħuq bejn l-istituzzjonijiet u, għaldaqstant, għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill⁵.

¹ 8411/18.

² F'konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 21, ir-Renju Unit u l-Irlanda nnotifikaw ix-xewqa tagħhom li jipparteċipaw fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

³ F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22, id-Danimarka mhijiex tipparteċipa fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u la hija marbuta biha u lanqas ma hija soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

⁴ ĠU C 367, 10.10.2018, p.84.

⁵ 8450/19.

4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentant Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill:
- japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tidher fid-dokument PE-CONS 64/19, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss;
 - jiddeċiedi li d-dikjarazzjonijiet fl-Addendum 1 għal din in-nota jiddaħħlu fil-minuti ta' dik il-laqgħa;
 - jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew li tinsab fl-Addendum 2 għad din in-nota, li għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv jiġi adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
